36. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu interistituzzjonali u l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; jitlob li jiġi stabbilit djalogu interistituzzjonali permanenti dwar l-istat tad-dritt li jinvolvi, fost l-oħrajn, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni; jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-istat tad-dritt aktar inklużiv billi jistieden istituzzjonijiet oħra, bħall-Kummissjoni ta' Venezja, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u rappreżentanti tal-Parlament, għas-sessjonijiet tiegħu;	36. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu interistituzzjonali u l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; jitlob li jiġi stabbilit djalogu interistituzzjonali permanenti dwar l-istat tad-dritt li jinvolvi, fost l-oħrajn, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni; jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-istat tad-dritt aktar inklużiv billi jistieden istituzzjonijiet oħra, bħall-Kummissjoni ta' Venezja, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u rappreżentanti tal-Parlament, għas-sessjonijiet tiegħu; ***iħeġġeġ lill-Kunsill jimpenja ruħu mal-parlamenti nazzjonali biex itejjeb is-sorveljanza demokratika tal-konformità tal-Istati Membri mal-istandards tal-istat tad-dritt tal-UE;***

Or. en

Emenda 753
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. ***Jemmen li għandhom*** jissaħħu d-djalogu interistituzzjonali u l-	36. ***Jinnota li hemm talbiet biex*** jissaħħu d-djalogu interistituzzjonali u l-

kooperazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt***; jitlob li jiġi stabbilit djalogu interistituzzjonali permanenti dwar l-istat tad-dritt li jinvolvi, fost l-oħrajn, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni; jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-istat tad-dritt aktar inklużiv billi jistieden istituzzjonijiet oħra, bħall-Kummissjoni ta' Venezja, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u rappreżentanti tal-Parlament, għas-sessjonijiet tiegħu***;	kooperazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt***, għalkemm dan mhuwiex konformi mal-formulazzjoni tat-Trattati; jinnota, fl-istess ħin, li l-pożizzjonijiet tal-Parlament b'mod partikolari spiss jiġu influwenzati mill-interessi tal-partiti ta' gruppi individwali, u dan ma jagħmilx ħlief isaħħaħ il-preġudizzju u d-dimensjoni politika tal-hekk imsejjaħ "djalogu" dwar l-istat tad-dritt***;
	Or. pl

Emenda 754
Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu interistituzzjonali u l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; jitlob li jiġi stabbilit ***djalogu interistituzzjonali permanenti dwar l-istat*** tad-dritt ***li jinvolvi, fost l-oħrajn, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni; jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-istat tad-dritt aktar inklużiv billi jistieden istituzzjonijiet oħra, bħall-Kummissjoni ta' Venezja, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u rappreżentanti tal-Parlament, għas-sessjonijiet tiegħu***;	36. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu interistituzzjonali u l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; jitlob li jiġi stabbilit ***is-Semestru Ewropew għall-istat*** tad-dritt***, u li l-qafas jinħoloq bir-rwol ewlieni tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew appoġġjat mis-setgħa tal-Kummissjoni li tinforza l-konformità; jinnota li dan il-qafas jindirizza d-defiċit demokratiku u jiżgura l-aderenza mal-istat tad-dritt fl-Istati Membri kollha***;
	Or. en

Emenda 755
Daniel Freund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Jesprimi dispjaċir kbir għall-inabbiltà tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja tal-Artikolu 7(1) tat-TUE; iħeġġeġ lill-Kunsill biex jiżgura li s-seduti ta' smigħ isiru tal-anqas darba f'kull Presidenza matul il-proċeduri li għaddejjin tal-Artikolu 7 u biex jindirizza wkoll żviluppi ġodda li jaffettwaw l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali; jenfasizza li m'hemmx bżonn unanimità fil-Kunsill sabiex jiġi identifikat riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, u lanqas biex jiġu indirizzati rakkomandazzjonijiet konkreti lill-Istati Membri inkwistjoni u biex jiġu pprovduti skadenzi għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet; itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill biex jagħmel dan, filwaqt li jissottolinja li kwalunkwe dewmien ulterjuri ta' tali azzjoni jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu; jinsisti li r-rwol u l-kompetenzi tal-Parlament għandhom jiġu rrispettati;

Or. en

Emenda 756
Birgit Sippel, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Ifakkar fit-talba li ilu jagħmel żmien twil għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali (patt tal-UE għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali) fil-forma ta' ftehim interistituzzjonali u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jidħlu f'tali ftehim interistituzzjonali bħal dan;

ifakkar li l-mekkaniżmu l-ġdid għandu jintegra u jikkomplementa l-mekkaniżmi eżistenti, inkluż ir-rapport tal-istat tad-dritt, għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza u oġġettiv, għandu jindirizza lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE, għandu jiknludi miżuri preventivi u korrettivi, u għandu jkun assistit minn bord ta' esperti indipendenti;

Or. en

Emenda 757
Javier Zarzalejos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe riforma leġiżlattiva li taffettwa s-separazzjoni tas-setgħat tkun tikkonforma bis-sħiħ mal-prinċipji legali Ewropej; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-miżuri leġiżlattivi li għandhom impatt fuq il-ġudikatura, il-benefiċċji legali jew il-kontroll eżekuttiv fuq l-istituzzjonijiet ġudizzjarji humiex konformi mal-Artikolu 2 tat-TUE u jekk jistgħux jiġġustifikaw il-bidu ta' proċedimenti skont l-Artikolu 7 tat-TUE;

Or. en

Emenda 758
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Iqis li għandha tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn l-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-

Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE u n-Nazzjonijiet Uniti fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, inkluży d-drittijiet tal-minoranzi;

Or. en

Emenda 759
Marieke Ehlers, Jorge Buxadé Villalba, Tom Vandendriessche, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Iqis li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri hija ta' rilevanza partikolari għall-avvanz tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fi ħdan l-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrispetta r-regoli tagħha stess fl-oqsma tat-trasparenza, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ġustizzja;

Or. en

Emenda 760
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-miżuri ta' emerġenza adottati b'reazzjoni għall-kriżijiet (bħal pandemiji jew theddid għas-sigurtà) ikunu soġġetti għal skrutinju parlamentari u rieżami ġudizzjarju regolari, u jkunu limitati fiż-żmien u proporzjonati b'mod strett;

Or. en

Emenda 761
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni ma inkorporatx ħafna mit-talbiet ripetuti tal-Parlament rigward ir-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 762
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36b. Jitlob li l-Kummissjoni toħroġ komunikazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2025 li fiha tagħti dettalji dwar liema talbiet adottati mill-Parlament fir-rigward tar-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt mill-2021 'l hawn se timplimenta l-Kummissjoni, liema mhijiex se timplimenta, u r-raġunijiet speċifiċi għal kwalunkwe rifjut;

Or. en

Emenda 763
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Emma Rafowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36b. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jindirizzaw id-differenza bejn il-ġeneri fil-ġudikatura u f'istituzzjonijiet demokratiċi ewlenin oħra; jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' miżuri mmirati biex tiżdied ir-rappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet għolja fil-kamp ġudizzjarju u fl-amministrazzjoni pubblika;

Or. en

Emenda 764
Marieke Ehlers, Jorge Buxadé Villalba, Tom Vandendriessche, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36b. Jistieden lill-Kummissjoni ma tużax il-protezzjoni tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali bħala pretest biex tagħmel pressjoni politika fuq ċerti Stati Membri ħalli jibdlu l-politiki li jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 765
Marieke Ehlers, Jorge Buxadé Villalba, Tom Vandendriessche, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36c. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu li, bħal fil-każ tal-proċedimenti tal-Artikolu 7, se jiġu implimentati miżuri skont ir-regolament dwar il-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt biex jiżdiedu l-ideali politiċi u biex jiġu deleġittimizzati ċerti Stati Membri;

Or. en

Emenda 766
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;	***imħassar***

Or. it

Emenda 767
András László

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. ***Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati*** Membri ***jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi, inkluż l-użu*** tagħha ***minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni*** fl-Ewropa; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha	37. ***Jinsab imħasseb dwar l-interferenza tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea fl-affarijiet interni tal-Istati*** Membri***; ifakkar li fis-7 ta' Jannar 2025, is-CEO ta' Meta, Mark Zuckerberg, ammetta li Facebook kien iċċensura kontenut fuq bażi politika; jilqa' l-isforzi ta' Meta biex tavvanza l-libertà tal-espressjoni fuq il-pjattaformi tal-media soċjali*** tagħha***; jiddeplora l-fatt***

tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;	***li l-verifika politikament preġudikata tal-fatti fuq il-pjattaformi tal-media soċjali għadha qed tiġi infurzata*** fl-Ewropa***; jistieden lill-Kummissjoni twaqqaf l-isforzi tagħha biex tiċċensura l-ilħna konservattivi tal-lemin fuq il-pjattaformi tal-media soċjali; jistieden lill-Parlament Ewropew jistabbilixxi Kumitat ta' Inkjesta dwar iċ-Ċensura fuq Facebook; jilqa' l-isforzi ta' Elon Musk fil-ġlieda għal-libertà tal-espressjoni***; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;
	Or. en

Emenda 768
Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija***, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt***;	37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija;
	Or. fr

Emenda 769
Mary Khan, Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni ***u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa; jissottolinja li l-Kummissjoni*** jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;	37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 770
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi, ***inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa***; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali	37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi, ***bil-għan li jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa; jinnota li għal snin sħaħ il-Kummissjoni naqset milli tirrikonoxxi d-dominanza tal-media soċjali mix-xellug liberali, inkluża l-impożizzjoni ta' din l-aġenda minn ċerti bliet kapitali, fondazzjonijiet***

tagħha dwar l-istat tad-dritt;	***internazzjonali u istituzzjonijiet tal-UE***; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

Or. pl

Emenda 771
Nikola Minchev, Moritz Körner, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Chloé Ridel, Fabienne Keller, Lucia Yar, Irena Joveva, Isabel Wiseler-Lima
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Sophie Wilmès, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa; ***jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;***	37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa;

Or. en

Emenda 772
Ewa Zajączkowska-Hernik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija***, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa***; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;	37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 773
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, ***b'mod partikolari*** l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi***, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa***; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;	37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, ***inkluż*** l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

Or. fi

Emenda 774
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Malika Sorel, Fabrice Leggeri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija***, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa***; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;	37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija ***u jieħdu miżuri effettivi biex jipproteġu l-interessi komuni tagħna; jisħaq li l-operazzjonijiet ta' propaganda barranija jistgħu jiġu miġġielda mingħajr ma tiġi attakkata l-libertà tal-espressjoni, jiġifieri billi l-organizzazzjonijiet iffinanzjati minn barra l-pajjiż jiġu ttikkettati kif xieraq jew b'inizjattivi newtrali bħal noti komunitarji***; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 775
Romana Tomc

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni ***u għal skopijiet malizzjużi, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa***; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;	37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 776
Javier Zarzalejos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni ***u għal skopijiet malizzjużi, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa***; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;	37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 777
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, ***b'mod partikolari*** l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni ***u*** għal skopijiet malizzjużi***, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni*** fl-Ewropa; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi	37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw ***u jindirizzaw malajr*** l-interferenza barranija, ***inkluż*** l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni***,*** għal skopijiet malizzjużi ***u għat-tixrid tad-diżinformazzjoni*** fl-Ewropa; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-

implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;	istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 778
Alessandro Zan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;	37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari l-użu tal-media soċjali għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi, inkluż l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk ***u Meta*** biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 779
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari ***l-użu tal-media soċjali*** għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi,	37. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-interferenza barranija, b'mod partikolari ***mill-NGOs*** għal skopijiet ta' manipulazzjoni u għal skopijiet malizzjużi,

inkluż ***l-użu tagħha minn individwi bħal Elon Musk*** biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;	inkluż ***każijiet li fihom l-NGOs jintużaw*** biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-Ewropa; jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fl-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

Or. sk

Emenda 780
Alessandro Zan, Cecilia Strada, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja bis-sħiħ li l-listi ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu magħmula mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu dejjem jikkonformaw mal-prinċipji demokratiċi, u b'hekk jaderixxu mal-istat tad-dritt u mal-kriterji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE, jirrispettaw is-sentenzi tal-QĠUE u josservaw id-dritt internazzjonali; jissottolinja l-obbligu skont id-dritt tal-UE u dak internazzjonali li tingħata protezzjoni internazzjonali lill-persuni ppersegwitati u/jew esposti għal dannu serju abbażi tal-oriġini razzjali u etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, in-nazzjonalità, l-opinjoni politika, il-lingwa, id-diżabbiltà, l-età, il-ġeneru, inklużi l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru, u l-orjentazzjoni sesswali;

Or. en

Emenda 781
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 37a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi salvagwardjat id-dritt fundamentali tal-libertà tal-espressjoni, li huwa pilastru tas-soċjetajiet demokratiċi tagħna. Il-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura l-applikazzjoni xierqa tal-qafas regolatorju tal-UE fuq il-pjattaformi tal-media soċjali biex tipproteġi dan id-dritt, minflok ma tippermetti pressjoni politika li tista' toħnoq dibattitu onest u miftuħ. Filwaqt li l-pjattaformi tal-media soċjali għandhom jaġixxu b'mod responsabbli u jikkonformaw mar-regolamenti fis-seħħ, huwa essenzjali li l-prattiki ta' moderazzjoni tal-kontenut ma jsirux għodda għall-kontroll politiku, iċ-ċensura jew il-manipulazzjoni.

Or. it

Emenda 782
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Robert Biedroń, Katarina Barley, Cecilia Strada, Klára Dobrev, Csaba Molnár, Emma Rafowicz, Birgit Sippel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37a. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-attivitajiet ta' lobbjar, inkluż l-istabbiliment jew it-titjib ta' reġistri obbligatorji ta' lobbjar u mekkaniżmi ta' "impronta leġiżlattiva" biex jintraċċaw l-influwenza fuq il-proċessi tat-tfassil tal-liġijiet;

Or. en

Emenda 783
Nikola Minchev, Moritz Körner, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Chloé

Ridel, Alessandro Zan, Fabienne Keller, Lucia Yar, Irena Joveva, Isabel Wiseler-Lima
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Sophie Wilmès, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37a. Jissottolinja li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-istat tad-dritt jiġi implimentat kif xieraq fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE u jitlob li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tar-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 784
Alessandro Zan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37a. Jistieden lill-Kunsill jadotta deċiżjoni biex jinkludi d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda fil-lista ta' reati mniżżla fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE;

Or. en

Emenda 785
Alessandro Ciriani, Paolo Inselvini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37b. Jesprimi tħassib dwar it-tendenza dejjem tikber favur l-isfruttament tar-regolamenti, bħall-Att dwar is-Servizzi

Diġitali, biex jiġu promossi pożizzjonijiet u viżjonijiet politiċi li jistgħu jimminaw il-libertà tal-espressjoni. Il-pjattaformi tal-media soċjali għandhom jibqgħu fora li fihom l-ideat jistgħu jiġu skambjati b'mod ħieles, mingħajr biża' ta' ċensura motivata politikament. L-UE jeħtieġ li tibqa' viġilanti u topponi kwalunkwe tentattiv li l-moderazzjoni tal-kontenut politiċi tiġi strumentalizzata għal skopijiet politiċi, u b'hekk tissalvagwardja l-libertà tal-espressjoni;

Or. it

Emenda 786
Alessandro Zan, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta Strateġija mġedda dwar l-Ugwaljanza tal-Persuni LGBTQIA+ għal wara l-2025 li tindirizza bis-sħiħ l-isfidi attwali madwar l-Ewropa u tagħmel id-drittijiet tal-persuni LGBTQIA+ prijorità trażversali fl-oqsma kollha ta' politika; jisħaq fuq l-importanza tal-awtodeterminazzjoni tal-persuni LGBTQIA+ u r-rikonoxximent tal-identitajiet u d-drittijiet tagħhom, mingħajr restrizzjonijiet fuq l-età; jappella għall-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa fiżika u mentali tal-persuni LGBTQIA+; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposti leġiżlattivi biex tiġġieled ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda abbażi tal-identità tal-ġeneru u tal-orjentazzjoni sesswali, u tiggarantixxi drittijiet ugwali għall-koppji tal-istess sess; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal projbizzjoni vinkolanti tal-UE fuq il-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 787
Alessandro Zan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	37d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu d-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali u etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, in-nazzjonalità, l-opinjoni politika, il-lingwa, id-diżabbiltà, l-età, il-ġeneru, inklużi l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru, u l-orjentazzjoni sesswali;

Or. en

Emenda 788
Nicolas Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi lill-Albanija, lill-Montenegro, lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-Serbja fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt u jħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt f'dawn il-pajjiżi tal-adeżjoni;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 789
András László

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi lill-Albanija, lill-Montenegro, lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-Serbja fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt u jħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt f'dawn il-pajjiżi tal-adeżjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 790
Moritz Körner, Malik Azmani, Dainius Žalimas, Lucia Yar, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Ana Catarina Mendes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi lill-Albanija, lill-Montenegro, lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-Serbja fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt u jħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt f'dawn il-pajjiżi tal-adeżjoni;	38. Jilqa' ***l-estensjoni tar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt biex ikopri l-pajjiżi kandidati, billi dan isaħħaħ l-idea li l-valuri fundamentali tal-UE jridu jiġu rispettati mhux biss mill-Istati Membri attwali iżda wkoll mill-membri futuri matul il-proċessi ta' adeżjoni; jilqa'*** l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi lill-Albanija, lill-Montenegro, lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-Serbja fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt u jħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt f'dawn il-pajjiżi tal-adeżjoni; ***jistenna li l-Kummissjoni tinkludi l-pajjiżi kandidati kollha fir-rapport 2025 tagħha dwar l-istat tad-dritt;***

Or. en

Emenda 791
Nikola Minchev, Moritz Körner, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Abir Al-Sahlani, Chloé Ridel, Fabienne Keller, Lucia Yar, Irena Joveva, Isabel Wiseler-Lima
f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Sophie Wilmès, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi lill-Albanija, lill-Montenegro, lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-Serbja fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt u jħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt ***f'dawn il-pajjiżi tal-adeżjoni***;	38. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi lill-Albanija, lill-Montenegro, lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-Serbja fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt u jħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt ***fil-pajjiżi kollha li jinsabu fi proċess ta' adeżjoni***;

Or. en

Emenda 792
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. ***Jilqa' l-inizjattiva*** tal-Kummissjoni li tinkludi lill-Albanija, lill-Montenegro, lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-Serbja fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt u jħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt f'dawn il-pajjiżi tal-adeżjoni;	38. ***Jieħu nota tal-inizjattiva*** tal-Kummissjoni li tinkludi lill-Albanija, lill-Montenegro, lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-Serbja fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt u jħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt f'dawn il-pajjiżi tal-adeżjoni;

Or. sk

Emenda 793
Lukas Mandl, Hannes Heide

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi lill-Albanija, lill-Montenegro, lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-Serbja fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt	38. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi lill-Albanija, lill-Montenegro, lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-Serbja fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt

u jħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt ***f'dawn il-pajjiżi tal-adeżjoni***;	u jħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt ***fil-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent***;

Or. en

Emenda 794
Emmanouil Fragkos, Geadis Geadi, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi lill-Albanija, lill-Montenegro, ***lill-Maċedonja ta' Fuq*** u lis-Serbja fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt u jħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt f'dawn il-pajjiżi ***tal-adeżjoni***;	38. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tinkludi lill-Albanija, lill-Montenegro, ***lil Skopje*** u lis-Serbja fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt u jħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt f'dawn il-pajjiżi ***li qed jiġu kkunsidrati***;

Or. el

Emenda 795
Daniel Freund

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill ***u lill-Kummissjoni***.	39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill***, lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 796
Mariusz Kamiński, Joachim Stanisław Brudziński, Jadwiga Wiśniewska, Maciej Wąsik, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill ***u lill-Kummissjoni***.	39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill***, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri***.

Or. pl